**15 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Borg

*versus*

Isolina Bonnici et.

**Lokazzjoni—Bord tal-Kera—"Alternative Accomodation" — "Hardship" — Appell.**

*Hija ħaġa l-lum magħrufa illi, meta l-Qorti tal-Appell taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Bord tal-Kera fuq il-punt tal-liġi, hi ma tissindakax il-konklużjonijiet ta' fatt talvolta dipendenti minn dik il-konklużjoni.*

*Fil-valutazzjoni tal-"suitability" tal-fond offert bħala "alternative accomodation", it-tqassim u l-konformazzjoni tal-fond, xejn anqas mill-istat u l-lokalità tiegħu, huma ċirkustanzi rilevanti taħt l-aspett tal-"character" tal-fond relattivament għall-kompożizzjoni u l-bżonnijiet partikulari tal-familja tal-kerrej.*

*U fl-apprezzament tal-"hardship" il-Bord huwa, mhux biss intitolat, imma wkoll fid-dmir, li jqis iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, ħlief, s'intendi, dawk li jistgħu jkunu assolutament irrilevanti.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond 38 Upper Victoria Terrace, Sliema, billi għandu bżonnu biex jokkupah hu stess;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tad-19 ta' Lulju 1962, li biha t-talba ġiet miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; wara li l-Bord ikkunsidra;

Li bejn il-partijiet diġa' kien hemm kawża oħra quddiem il-Bord, u r-rikorrent ma rnexxielux jieħu l-post in kwistjoni, billi l-fond offert bħala "alternative accomodation" ġie ġudikat "unsuitable" għall-intimati;

Iċ-ċirkustanzi għadhom l-istess bħal ma kienu fil-kawża l-oħra. L-intimata Bonnici hija mara avanżata u ma tarax; fl-aħħar stadju tal-kawża l-oħra kienet ġa ma tarax minn għajnejha t-tnejn. Hija għandha tifel ġuvni magħha. L-intimat l-ieħor Darmenia huwa miżżewweġ lit-tifla tagħha, u għandu tifla ta' sitt snin jew sebgħa. Isolina Bonnici u t-tifel jokkupaw parti mill-ewwel pjan, ċjoè kamra kbira maqsuma fi tnejn permezz ta' "partition"; parti sservi bħala kamra tas-sodda tal-omm u "dining room", u l-parti l-oħra bħala kamra tas-sodda tat-tifel u "sitting room". Hemm ukoll gabinett li jservi ta' kċina u kamra tal-banju. L-intimat Darmenia għandu parti mill-pjan ta' fuq u kamra fil-pjan terren. Kulħadd jgħix b'ekonomija separata. Dwar is-saħħa tal-intimata Isolina Bonnici għandu jingħad ukoll illi, meta l-Prof. Zahra Newman reġa raha f'Ġunju 1962, sab xi ftit tal-miljorament fuq dak li kien ikkonstata meta xehed fit-3 ta' April 1962, billi għamlet miljorament fil-moviment u mhijiex kontinwament fis-sodda; tista' tmur minn post għall-ieħor fid-dar stess, imma ma hix fi stat li toħroġ mid-dar;

Ir-rikorrent offra bħala "alternative accomodation" fond divers minn dak li offra fl-ewwel kawża. Il-fond offert qiegħed Bormla, 109 St. Paul Street, li jikkonsisti fil-pjan terren minn entrata, kontra-entrata b'taraġ la ngliża, passaġġ, bitħa nterna, gabinett bid-W.C., qatgħa wżata bħala kċina, gabinett u kamra ta' daqs medju li tieħu d-dawl minn bitħa ta' ħadd ieħor. Il-ħitan ta' dan is-sular huma aktarx

umidi. Fl-ewwel pjan ma hemm xejn. Fit-tieni pjan hemm kamra ta' daqs medju b'gallarija mgħottija u oħra mikxufa fuq it-triq, oħra medja b'gallarija mikxufa għat-triq; wara din hemm kamra oħra li hija mniffda permezz ta' kamrin mar-raba' kamra, u r-raba' kamra tieħu d-dawl mill-bitħa ta' ħadd ieħor. Mill-pjan tat-taraġ nidħlu wkoll f'passaġġ li jwassal għal gabinett bid-W.C. Il-pjan tat-taraġ tat-tielet sular huwa konvertit f'kamra tal-banju, li minnha nidħlu ġo kamra tal-ħasil, u aktar il-quddiem għall-bejt. Ir-rikorrent offra li jibni kamra regolari fuq il-parti interna ta' dan il-pjan, u jibni wkoll W.C. skond il-pjanta eżibita;

Il-Bord huwa tal-fehma li anqas dan il-fond ma huwa "suitable" għall-intimati mħabba s-sura tiegħu, jiġifieri l-mod kif huwa mqassam, biċċa, ċjoè kamra, fil-pjan terren, mbagħad xejn fl-ewwel pjan, mbagħad il-parti l-kbira, u li ma hix bizzejjed għaż-żewġ intimati, f'dawk fit-tieni pjan u l-kumplament fit-tielet pjan. Kwantu għall-"hardship", meta wieħed iżomm quddiem għajnejh id-diffikultà tal-orjentament f'post ġdid li ssofri l-intimata Bonnici mħabba li ma tarax minn għajnejha t-tnejn, diffikultà illi ġie li wasslet il-Bord biex jirritjeni "unsuitable" mħabba f'hekk biss il-fond offert (ara "Spiteri vs. Bonnici" konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 1953), il-lontananza mill-familja tagħha meta hija għandha bżonn li ma tibqgħax weħedha meta għandha tfal oħra li joqgħodu fil-viċin fil-post okkupat minnha, u dan apparti konsiderazzjonijiet oħra fil-fehma tal-Bord jirrendu l-"hardship" akbar għall-intimata kieku t-talba kellha tiġi milqugħa milli għar-rikorrent kieku kellha tiġi miċħuda;

*Omissis;*

Rat ir-rikors li bih Joseph Borg appella minn dik id-deċiżjoni tal-Bord u talab li tiġi revokata, u t-talba tiegħu tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni sollevata mill-appellati mhix verament kwistjoni ta' inappellabbilità o meno tad-deċiżjoni tal-Bord.

Kif huma spjegaw anki waqt it-trattazzjoni, dak li jridu jgħidu hu illi, peress li fil-fehma tagħhom il-punt ta' liġi deċiż mill-Bord hu sewwa, allura din il-Qorti ma għandhiex tgħid ħaġ'oħra ħlief tikkonferma dak il-punt ta' dritt, bla ma mbagħad tkompli tidħol fi kwistjonijiet oħra, li huma kollha kwistjonijiet ta' fatt. Infatti, hi ħaġa l-lum magħrufa illi, meta din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Bord fuq il-punt tal-liġi, hi ma tissindakax il-konklużjonijiet ta' fatt talvolta dipendenti minn dik il-konklużjoni;

Issa, fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni tal-appellati, intiża f'dan is-sens, hi fondata. L-ilment tal-appellant hu illi l-Bord interpreta ħażin il-liġi meta fil-valutazzjoni tas-"suitability" jew le tal-fond offert bħala "alternative accommodation" taħt l-aspett tal-"character" ħa in konsiderazzjoni t-tqassim tal-fond. Skond l-appellant, dik iċ-ċirkustanza tista' tidħol fl-apprezzament tal-"hardship", imma mhux fil-kriterju tas-"suitability";

Għall-kuntrarju, din il-Qorti hi ta' fehma illi t-tqassim u l-konformazzjoni tal-fond, xejn anqas mill-istat u l-lokalità tiegħu, huma ċirkustanzi rilevanti taħt dak l-aspett relattivament għall-kompożizzjoni u l-bżonnijiet partikulari tal-kerrej, kif din il-Qorti kellha ġa okkażjoni drabi oħra li tirritjeni, bħal, per eżempju, fil-kawża "Farrugia vs. Caruana" — 12. 12. 1958. Hawn si tratta ta' mara avanzata li tbati minn inkapaċità gravi f'għajnejha, li evidentement għandha bżonn għal kull moviment tagħha l-faċilità tal-aċċess u s-sorveljanza u l-għajnuna tal-membri tal-familja li jgħixu magħha, oltre li ma tkunx spostata f'ambjenti li fihom mhux indorrija;

Dwar l-ilment l-ieħor tal-appellant, illi l-Bord fl-apprezzament tal-"hardship" ħa konsiderazzjoni ta' elementi li skond il-liġi ma humiex validi, biżżejjed jingħad illi, skond il-liġi, il-Bord hu ntitolat anzi għandu d-dmir, li iqis "iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ", ħlief, s'intendi, dawk li jistgħu jkunu assolutament irrilevanti. Fil-każ preżenti, iċ-ċirkustanzi kollha kalkulati mill-Bord huma strettament u manifestament rilevanti;

U ġa ladarba, kif intqal, il-punti tal-liġi ġew deċiżi sewwa, il-Qorti ma tindaħalx fil-konklużjoni ta' fatt;

Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċidi billi, fis-sens fuq premess, tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellati, tiċħad l-appell, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord; bl-ispejjeż kontra l-appellant.